**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum 9 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 128/02**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Mark Ciappara**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Mark Ciappara talli fit-22 ta' Lulju, 2001 ghall-habta ta' l-10.00am gewwa l-fond numru 46, Triq ta' Marmora, San Giljan

**(1)** hedded lil martu Moira Ciappara b'arma u cioe` sikkina tal-kcina bil-ponta;
**(2)** hebb ghall-imsemmija persuna u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. B. Flores Martin MD tal-*Gzira Health Centre*;
**(3)** qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku; u
**(4)** ingurja jew hedded lil martu Moira Ciappara bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lil imputat Martin Mark Ciappara mhux hati skond it-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha, izda sabitu hati skond l-ewwel, t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' erbghin lira (Lm40);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Martin Mark Ciappara, minnu prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Lulju, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant qed jitlob li jigi liberat anke minn dawk l-imputazzjonijiet (l-ewwel, it-tieni u r-raba') fejn huwa nstab hati. Hu jilmenta li, bhala fatt, kienet il-versjoni tieghu tal-akkadut li kienet korretta u mhix dik ta' martu. Jilmenta wkoll li l-ewwel qorti, meta fis-sentenza taghha qalet li d-deposizzjoni tal-mara kienet *"aktar kredibbli fic-cirkostanzi minn dik moghtija mill-imputat"*, kienet effettivament qed issib

htija "on a balance of probabilities" u mhux ghax kien hemm provi li ma jhallu ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Dwar dan it-tieni ilment din il-Qorti tosserva li huwa veru li l-espressjoni wzata mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha hija xi ftit infelici. Pero` din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-ewwel qorti taf ben tajjeb li fil-kamp penali gudikant irid ikun moralment konvint mill-htija ta' dak li jkun biex jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor skond il-ligi, provvediment, pero`, li jimporta kundanna. Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-kaz) jistghu jigru zewg affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor kif inghad. Hu evidenti minn qari tas-sentenza kollha kemm hi li, f'dan il-kaz, l-ewwel qorti accettat il-vesjoni tal-mara u skartat dik tar-ragel; u li a bazi tal-versjoni tal-mara kienu ghalhekk jirrisultaw pruvati l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet.

Kif inghad aktar 'l fuq, din il-Qorti semghet, fl-udjenza tad-29 ta' Lulju, 2002, kemm lil Moira Ciappara kif ukoll lill-appellant bil-gurament. Din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tvarja l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. Fi kliem iehor, il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti kienet wahda li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha a bazi tal-provi (inkluz ic-certifikat mediku a fol. 9 tal-atti) li kellha quddiemha.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Assistent Registratur